# 29. Il-Bejta fis-Sur

Fil-bejta fis-sur fuq ix-xtajta,
is-sur b'wiċċ imqit u xehbieni,
fejn jikser il-baħar u jogħla
f'ragħwietu, qillietu waħdieni,

Illum ebd' għasfura ma tbejjet,
ma jidwi dak l-għana sabiħ;
ix-xtieli biss juru l' hawn ħajja,
imwerrċa, mikula bir-riħ;

Għax leħen li jidwi wisq faħxi
mill-bejta bla riżq u bla rix,
ibiegħed u jbeżża' l-għasafar,
iwiddeb li din dwejra mhix.

*      *      *

Żewġ żgħażagħ, merill u merilla,
biex jgħaddu l-għors tagħhom hawn ġew;
bil-qabża, bid-daħka, bil-għana
ħuxlief biex ibejtu ġarrew.

U darba filgħodu, kif żernaq,
instama' tal-frieħ it-tpespis;
oh! x'għaxqa! kif taru l-merilli
biex l-ikel iġibu fis fis!

Kemm qabżu ferrieħa u ttajru,
fnew qalbhom f'għanjiethom fuqana;
jittajru 'mma le ma jitbiegħdu
mill-bejta taż-żgħar kollha sħana.

'Mma darba, tul lejla xitwija,
kif venven u baram ir-riħ!
u għola bil-qilla sas-sema
il-baħar, u tħawwad mill-qiegħ,

U tela' għas-sur, wisq imgħaddab,
u kaxkar kull xitla, kull żrara,
u l-bejta dlonk ħataf, ġarr miegħu
bl-għasafar, jaħasra xi ħsara!

*      *      *

Fil-bejta fis-sur fuq ix-xtajta
qatt jersaq ibejjet għasfur;
il-leħen tal-ħares tal-ħerba
iwiddbu jitbiegħed u jmur.